# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 39

Data tal-laqgħa: 22 ta' Novembru 2021

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Dr Angelo Micallef – Sindku
Mary Louise Briffa – Viċi Sindku
Stephen Gatt – Kunsillier
Andrè Grech – Kunsillier
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Mark Mallia – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, Dr Angelo Micallef ippresjeda l-laqgħa.

## 39.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

39.1.1 Ma kien hemm edba ittri ta' apoloġija.

## 39.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

39.2.1 Is-DSE ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-Minuti ta' Laqgħa Nru. 38. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

39.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti ġew approvati unanimament.

## 39.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

39.3.1 Ma kien hemm punti li joħorġu mill-Minuti

## 39.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

39.4.1 Is- Sindku rrefera għal problema li hemm bħalissa fil- Ġnien J.A Stellini fejn ta' kuljum qed jinġemgħu grupp ta 'erba' minn nies li jidher li ma għandhomx saqaf taħt rashom u li ta' kuljum qed idejqu jew jitolbu Il-flus lil kul min jgħaddi minn hemm. Huwa infurma lis- Spettur tal-Pulizija b'dan biex tittieħħed azzjoni.

39.4.2 Is- Sindku qal li dan l-aħħar kien qed jirċievi diversi ilmenti minn residenti min naħa ta' fuq ta' Hal Balzan fuq qtugħ tad-dawl li kien qed ikun frekwenti. Huwa bgħat email lil Ministru konċernat, l-Onorevoli Miriam Dalli fejn hija wieġbet minnufih u eventwalwent wieġbu is- CEO ta' l-Enemalta fejn qallu li kien hemm xi ħsarat u ttieħdet azzjoni biex dan l-inkonvenjent jieqaf.

39.4.2.1 Il-Kunsillier Stephen Gatt rrimarka li bħala Kunsill konna ħadna azzjjoni immedjata meta daħlu l-ewwel ilmenti fejn fil-31 ta Ottubru 2021 rrapurta ma' l-Enemalta dan permezz ta' Reference number 303453118.

39.4.3 Is- Sindku tkellem dwar email mingħand LCA rigward il-proġett LC Care 2019 rigward l-intallazzjoni tal-Cat Shelters fi Triq L-Għerusija fejn din l-email kien fiha ħafna innezattezzi u dehrlu li kellu jwieġeb fejn infumaha li l-Kunsill fl-ebda ħin ma kien mgħarraf li dawn tneħħew minħabba xi ilmenti li saru mal-Kunsill fuq dawn ix-xelters. Huwa infurmaha li kemm bħalissa qed isiru xi xogħolijiet infrasttruttuali tat-toroq u la darba jkunu lesti dawn ix-xelters ser jitpoġġew f'posthom. Kien għal din ir-raġuni li dawn ma tpoġġewx.

39.4.4 Is- Sindku qal li rċieva suġġeriment biex fejn hemm postijiet kummerċjali, in-nies li joħorġu barra ipejpu sigarett ma għandhomx aktar jibqgħu jitfaw fl-art imma għandu jkun hemm bins tas- sigaretti għad-disposizzjoni. Il-Kunsill ddeċieda li fil-laqgħa li jmiss tiġi diskussa din it-tema bil-possibilita' li jiġu ssuġeriti xi postijiet fejn bins ikunu jistgħu jitwaħħlu.

39.4.5 Is- Sindku aċċenna għat-talba li kienet saret ħafna zmien ilu fuq installazzjoni ta' doggy bin fi Triq Il-kbira lejn id-Dophin Centre. Huwa rrefera għal email fejn ingħataw ir-raġunijiet għalfejn ma għandix tiġi installata. Il-Kunsill ħa in kunsiderazzjoni dawn ir-raġunijiet u jidhirlu li dawn huma ġustifikati u għalhekk id-*doggy bin* mhux ser jkun installat.

39.4.6 Is- Sindku tkellem fuq il-ġibjun taħt il-Knisja biex jitnaddaf kemm jista' jkun malajr. Il-Kunsill għandu ċavetta tiegħu. Wieħed għandu jara li l-ilma mhux kontaminat. Ser tinġieb kwotazzjoni u jitbattal l-ilma minnufih

39.4.7 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li l- Perit tal-Kunsill bgħat il-pjanti (preliminary draft) fuq proposta ta' Green Parking fl-għalqa li hemm fi Wesgħa Profs Aquilina. Huwa qal li din il-proposta ser tintbgħat lill-Gvern Ċentrali. Huwa qal li din il-proposta tista' tkun interessanti għal Gvern għaliex hija proposta in linja mal-Policy tal-Gvern prezenti.

39.4.8 Is- Sindku qal li l-Fun Run 2021 ġewwa Ħal Balzan kien suċċess għax kien hemm parteċipazjoni tajba mir-residenti. Wara kien hemm attivita' ġewwa l-Palazz Tal-President.

39.4.9 Is- Sindku ippropona li fl-lejliet il-Milied u l-Ewwel tas- Sena, l-uffiċċju jingħalaq fil-11am. Il-Kunsill approva.

39.4.10 Is- Sindku rrefera għal -Laqgħa Tal-Lokalita'li ssir darbtejn fis-sena u li jmiss għandu jsir f' Diċembru. Għadaqstant għandha tinstab ġurnata u huwa kien qed jissuġerixxi li din issir nhar it- Tnejn 20 ta' Diċembru 2021 fis- Sala Aurora. Il-Kunsill approva.

## 39.5 Tweġibiet għall- Mistoqsijiet tal- Kunsillera

39.5.1 Il- Kunsillier Stephen Gatt staqsa jekk l-idea li jinħoloq Youth Band ġewwa Ħal Balzan għadiex fuq l-agenda tal-Kunsill. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni fejn din jieħu ħsieba is- Sur Gatt.

39.5.2 Il-Kunsillier Stephen Gatt kellu talba minn xi residenti fi Triq Qarcilla li la darba qed isiru xogħolijiet minn Infrasturcture Malta isiru xi bankini fuq in-naħa l-oħra. Is- Sindku wieġeb li din it-tali talba kienet diġa saret u ma ġietx approvata minn Transport Malta.

39.6.3 Il-Kunsillier Oliver de Gaetano talab li quddiem iċ-ċimiterju fil-Wied ta' Ħal Balzan jitwaħħlu xi zewg bins hemmhekk għaliex qed jinġabar ħafna ħmieg fejn stabbiliment partikolari. Il-Kunsill hu ta' l-idea li isiru taħdidiet mal-propjetarji tal-ħanut.

39.6.4 Il-Kunsillier Andre Grech rrefera għax- xiri tal-pots fejn infurma lill-Kunsill li l-aħjar kwotazzjoni hi ta' J. Zammit Nurseries u għandu jmur jara' l-kwalita tal-pots humiex tajbin għal dak li għandu f'moħħu l-Kunsill.

39.6.5 Il-Viċi Sindku Mary Louise Briffa staqsiet meta' hu l-aħjar zmien biex jibdew il-courses tal-TCTC. Il-Kunsill hu ta' l-idea li l-applikazzjonijiet jibdew mill-bidu tas- sena d-dieħla.

## 39.6 Rapporti

39.6.1 **Rapport Finanzjarju tat- Tlett Xhur minn Jannar sa Marzu u April sa Ġunju**

39.6.1.1 Is- DSE poġġa fuq il-mejda tal-kamra rapporti finanzjarji għat- tlett xhur minn Lulju sa Settembru. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. Is- DSE ta xi spjegazzjonijiet u rrispoda xi mistoqsijiet tal-Kunsill

39.6.1.2 Fuq proposta tal-Kunsilliera Mary Louise Briffai li kienet ssekondata mill- Kunsillier Andre' Grech, dan ir-rapporti ġie approvat unanimament

## 39.7 Kuntratt Tabelli u Sinjali- Terminu tal-Kuntratt

39.7.1 Is- DSE infurma lill-Kunsill li l-kuntrattur li rebaħ l-kuntratt tat-tabelli u sinjali baqa' ma bgħatx il-Performance Guarantee u lanqas iffirma l-kuntratt u għaldaqstant dan għandu jiġi annullat. Fuq propposta tas- Sindku li kien ssekondat mill-Kunsillier Oliver De Gaetano, il-Kunsill approva u ddeċieda li jmur għat-tieni l-aħħjar offerta li kienet intefgħet.

## 39.8 Tibdil fl-ismijiet ta’ Sqaq Nru 1 u Sqaq Nru 2 fi Triq Il-Providenza

39.8.1 Fuq dan is-suġġett, is- Sindku ħa parir tas- Sur Carmel Bezzina kif ukoll għamel referenza għal-ktieb tiegħu ukoll fejn ħareġ bic-ċar li dawn it-toroq kienu għal għexieren ta’snin jissemmew hekk u huwa ta’ l-opinjoni li dawn it-toroq ma jintmessux. Jekk isir hekk kompla qal is- Sindku inkunu qed nikkanċellaw l-istorja.

39.8.2 Il-Kunsill unanimament ma approvax dan it-tibdil.

## 39.9 Double Yellow Line minn Transport Malta fi Triq San Anton/ Sant Antnin

38.8.2 IL-Kunsill kien diġa għaraf lir-resident li għalkemm joqgħod Ħal Balzan, xorta din it-talba trid ssir lill-Kunsill ta’ H’Attard għaliex l-area msemmija taqa’ taħt r-responsabbilta’ ta’ dak il-Kunsill

## 39.10 Tisbiħ tal-Playingfield

39.10.1 Is- DSE poġġa fuq il-mejda tal-kamra, tlett kwotazzjonijiet għat tqegħid ta’ rubber paving fil-bandli fejn l-irħas kwotazzjoni kienet ta’ Gokker Ltd għas-somma ta’ € 5386.70.

39.10.2 Il-Kunsill approva din il-kwotazzjoni biex isir ix-xogħol.

## 39.11 Skema Finanzjarji maħruġa mill-Kunsill Reġjonali Ċentru

38.11.1 Is- Sindku talab li l-rċevuti kollha jkunu f’idejn il-Kunsill għar-raġuni li sa l-10 ta’ Diċembru 2021 għandhom jintbgħatu id-dokumenti kollha lir- Reġjun Ċentru għar-rifuzjoni.

## 39.12 Dawl addizjonali u camera għal Bring In Site fi Wesgħa Profs Aquilina- Kwotazzjoniijiet

39.12.1 Is- DSE poġġa fuq il-mejda tal-kamra, zewġ kwotazzjonijiet biex jiġi installat dawl addizjonali u installar ta’ camera oħra għal fuq il- Bring In Site fi Wesgħa Profs Aquilina fejn l-irħas kwotazzjoni kienet ta’ Alarmtech għas-somma ta’ € 1281.00.

39.11.2 Il-Kunsill approva.

## 39.13 Ilmenti u *Items* oħra ta’ xogħol ieħor tal-Kunsill

39.13.1 Suġġeriment minn resident li joqgħod fi Triq Santu Rokku biex il-karozzi pparkjati li bħalissa qed ikunu pparkjati wiċċhom quddiem lejn Triq Il-Providenza u qed jitlob li jiġu pparkjati bil-kontra. Il-Kunsill ma approvax minħabba raġunijiet ta’ sikurezza.

39.13.2 Id- DSE infurma lill-Kunsill li b’konnessjoni mad- Direct Order għal ġbir tal-borza s-sewda u organiku fejn kien talab l-approvazzjoni tal-Ministru, għada sal-ġurnata ta’ llum mhux approvata minnu.

39.13.3 Ittra mingħand MTA fejn qed jallokaw lil Kunsill s-somma ta’ € 3000 għat-tizjin tal-Milied.

39.13.4 Talba biex titneħħa traffic island li tinsab fi Triq Il-Wied kantuniera ma’ Triq Il-Kbira. Il-Kunsill qed jistenna risposta minn Transport Malta.

39.13.5 Talba minn residenta li toqgħod Triq Il-Ferrovija l-Qadima biex titneħħa *motor cyle bay* biswit id-dar tagħha għax qed ikollha problema ta’ aċċess għal garaxx tagħha. Il-Kunsill ser jara’ x’jista jsir u folkaz il-motor cycle bay jiġi rilokat.

39.13.6 Il-Kunsill rċieva mill-Bank Of Valletta fejn infurmawna li f'dak li jirrigwarda pagamenti online, kemm dawk tal-pagi kif ukoll lis-suppliers iridu jkunu zewġ kontijiet separati. Għaldaqstant il-Kunsill approva li jinfetah kont bankarju ieħor biex ikunu jistgħu isiru dawn il-pagamenti separati.

39.13.7 Il-Kunsill approva li japplika mal-GO biex tiġi installata PABX biex b'hekk tizdied l-effiċjenza fl-uffiċċju tal-Kunsill.

39.13.8 Id- DSE infurma lil Kunsill li l-għeluq ta' l-offerti għal ġbir tal-borza s-sewda u dik organika ser ikun nhar il-Ħamis 9 ta' Diċembru 2021 u għalhekk irid jinħatar il- Bord ta' Evalwazzjoni.

39.13.8.1 Ġie deċiz li l-Bord ser ikun iffurmat miċ- Ċermen, is- Sur Stephen Gatt u membri tal-Bord ser ikunu is- Sur Adrian Mifsud, is -Sur Mark Debono u s- Sinjura Doriette Farrugia.

39.13.9 Fuq talba tal-ħaddiema tal-Kunsill qed jiġi propost li l-uffiċċju lejliet il-Milied u Sena Ġdida jagħlaq fil-11am. Il-Kunsill approva.

## 39.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

39.13.1 Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti nru. 10/21, li tinkludi l-ammont ta' €52.55c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Novembru 2021.

34.13.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano, li kien issekondat mill-Kunsillier Stephen Gatt. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 39.15 Tmiem tal-Laqgħa u data tas- seduta li jmiss

34.14.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.20pm.

34.14.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tnejn, 20 ta' Diċembru 2021 fl-5.00pm.

Konfermati, illum it-Tnejn, 20 ta' Diċembru 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| Dr. Angelo Micallef<br>Sindku | Mark Mallia<br>Deputat Segretarju |